# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
## Decizjoni Preliminari Numru: 2425

Kaz Nru.: 3301/YMS

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn:-

Anna Punga

vs

1. iGame Malta Limited (C-44618) u
2. Shaun O'Neill

*dwar allegazzjoni ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol u vittimizazzjoni*

**Chairperson: Dott. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit**

Illum it-Tnejn, 18 ta' Jannar, 2016

**It-TRIBUNAL,**

I PRELIMINARI

1. Fir-Rikors promotorju taghha r-Rikorrenti ppremettiet li kienet giet impjegata bhala *Affiliate Manager* fuq bazi *full-time* mas-Socjeta' Ntimata u dana b'kuntratt tal-11 ta' Gunju, 2014.

2. Ghaddiet imbaghad biex qalet li kienet immolestata sesswalment minn Shaun O'Neill. Dan ammetta izda, mitlub jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni naqas jirrispondi.

3. Hi giebet il-kaz a konjizzjoni tal-kumpanija li nehhietha minn *Affiliate Manager* u poggietha *VIP Coordinator* biex jigi evitat kuntatt ma' O'Neill izda baqghu fl-istess ufficcju u l-esponenti hi mdejjqa hafna. Is-Socjeta' naqset li ttiha kopja tar-rapport ta' l-indagni li ghamlet minkejja li talbitielha.

4. Safejn taf ir-Rikorrenti, l-kumpanija ma hadet ebda passi kontra O'Neill anzi deherilha li t-trasferiment imsemmi kien rimedju bizzejjed.

5. Ir-Rikorrenti baqghet tbati minn ansjeta' kif certifikat minn rapport mediku u qed thoss li giet vittimizzata.

6. Finalment ir-Rikorrenti talbet hekk:-

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett sabiex it-Tribunal Industrijali jiehu konjizzjoni tar-rikors odjern, tad-dokumenti u tad-Dikjarazzjoni hawn annessa, jisma' l-provi kollha li ser jitressqu u jiddeciedi l-kawza li qed taghmel l-esponenti dwar allegat diskriminazzjoni konsistenti,

- In kwantu ghall-intimat Shaun O'Neill filli rrenda ruhu principjant f'atti kommessi minnhu li jikkostitwixxu fastidju sesswali fil-konfront tal-esponenta u vittimizazzjoni, u,
- In kwantu l-kumpanija ntimata, filli rrendiet ruha responsabbli bejn l-esponenta inkwantu illi ma haditx il-passi li kien minnha mistenni skond il-ligi in segwitu ghar-rapport tal-esponenta, u wkoll agir vittimizzanti,

U fiz-zewg kazijiet, individwalment, illi tikkundanna lill-intimati jhallsu dak il-kumpens li dan it-Tribunal jistabilixxi in linea ta' danni oltre milli jaghti dawk id-direttivi kollha li jidhrilu opportuni skond il-kaz u skond il-ligi.

7. L-Intimat Shaun O'Neill iddikjara u talab li it-TRIBUNAL:-

(a) Jiddikjara li bhala Tribunal m'ghandux kompetenza jisma' l-ilment skont l-Artiklu 29 tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impiegi kontra l-intimat O'Neill, u sabiex jillibera l-istess intimat O'Neill mill-osservanza tal-gudizzju;
(b) Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, u fuq il-mertu, jiddikjara lill-intimat O'Neill mhux hati ta' fastidju u/jew vittimizzazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti; u
(c) Jichad it-talbiex attrici kollha fil-konfront tal-intimat O'Neill.

8. Is-Socjeta' Ntimata <u>ddikjarat</u>, li hija ghamlet kull ma kien possibbli u r-Rikorrenti dehret soddisfatta bir-rizultat, kif iddikjarat hi stess. L-istess Socjeta' spiccat id-Dikjarazzjoni taghha hekk:-

Is-Socjeta' Ntimata tichad kwalunkwe dikjarazzjoni ta' vittimizzazzjoni, minhabba li s-Socjeta' Ntimata zgurat li r-Rikorenti tkun kuntenta fuq xogholha, u zgurat li l-interessi taghha jigu salvagwardjati. Fil-fatt sahansitra nghatat pozizzjoni ta' xoghol gdid.

Id-dikjarazzjoni tar-Rikorrenti fir-rigward ta' rapport li ghandu jinghata lir-Rikorrenti, tali dikjarazzjoni taqa' 'l barra mill-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

Is-Socjeta' Ntimata titlob lil dan it-Tribunal biex jiddeciedi li l-Kumpanija agixxiet b'mod gust u ragonevoli, skont il-Ligi, u li ma hemmx danni dovuti lir-Rikorrenti.

## II KONSIDERAZZJONIJIET

9. Bi ftehim mall-partijiet it-TRIBUNAL ser, fl-ewwel lok jiddeciedi l-eccezzjoni preliminari ta' Shaun O'Neill li dan it-TRIBUNAL m'ghandux kompetenza jisma l-ilment fil-konfront tieghu. Hu jibbaza dan skond l-art 29 tal-Att Dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.

10. It-TRIBUNAL sama' s-sottomissjonijiet orali ezawrjenti tad-difensuri (li huma mnizzla bil-miktub fl-atti tal-Kwistjoni tax-Xoghol odjerna) u jqis kif gej.

11. Il-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ntitolat Att Dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali fil-parti GENERALI tieghu nsibu li fl-art 2, li jittratta t-tifsira ta' certi kliem, jghid li l-kelma "principal" x'tifhem biha din il-ligi. Jghid li "tinkludi socjeta', kumpanija, assocjazzjoni jew korp iehor ta' persuni, sew jekk ikollhom personalita' guridika sew jekk le". Mela hawn ghandna precizament <u>x'tinkludi</u> bla ma qed aprioristikament teskludi lil xi hadd. Hu dmir ta' Qorti/Tribunal li jirrikoncilja l-artikli tal-ligi li jirrigwardjaw sitwazzjoni specifiku bhal f'dan il-kaz. Wiehed irid jara skond il-kaz li jkollu quddiemu t-TRIBUNAL.

12. Art. 29 ta' l-istess Ligi ghandu mportanza diretta ghall-kaz taht ezami billi jittratta l-<u>ghoti ta' fastidju</u> fil-kuntest ta' mpieg. Barra li jghid il-legistratur x'qed jifhem b'fastidju nkluz il-<u>fastidju sesswali</u> – dak li hu precizament il-bazi tal-kaz prezenti quddiem it-TRIBUNAL. Fl-Art 29(2) insibu, testwalment hekk:-

    "L-ebda principal jew impjegat ma jista' jaghti fastidju sesswalment lill-impjegat iehor jew lill-principal (hawnhekk izjed 'il quddiem f'dan l-artiklu msejjha vittma) billi ..." u hawn jghaddi biex jiddeskrivi atti sesswali.

13. Mela l-istess Ligi ssemmi specifikatament atti sesswali bejn impjegati, bejn "principal" u mpjegat u bejn impjegat u "principal".

14. L-Intimat Shaun O'Neill isostni li l-art. 30(1) tal-istess Ligi jippreskrivi terminu meta persuna li tallega li l-principal ikun kiser, *inter alia* l-art 29.

15. Fil-fehma tat-TRIBUNAL is-sottomissjoni ta' Shaun O'Neill li l-art 29 ifisser li dan it-TRIBUNAL hu senz'altro zvestit mid-dritt u hu nkompetenti li jisma' lment ta' mpjegat kontra mpjegat ma tistax tigi accettata. It-TRIBUNAL ma jqisx li l-art 30 jinnewtralizza u jgib fix-xejn dak li hemm fl-art 29. Wiehed irid, ghall-kuntrarju, jara x'jirrizulta mill-provi mressqa quddiem it-TRIBUNAL.

## III DECIZJONI

Wara li qies u rrifletta fit-tul it-TRIBUNAL jichad l-eccezzjoni preliminari ta' nkompetenza li jisma' dan il-kaz, imressqa mill-Intimat Shaun O'Neill u jordna li

jibqghu jitressqu quddiemu l-provi dwar dak mitlub mir-Rikorrenti u ghal dan il-ghan il-kaz hu mhalli ghas-smiegh.

(Iffirmat)
Avv. Yana Micallef Stafrace
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**